MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Numru.

PULIZIJA
SPETTUR MARIA STELLA CUTAJAR
VS
STANLEY SPITERI
HORACE ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Stanley Spiteri ta’ 22 sena bin Carmelo u Jane nee Caruana u joqghod Block D, flat 16, HE, B’Bugia bin numru tal-identita 29577M u Horace Zammit ta’ 26 sena bin Angelo u Nina nee Lia, imwieled Pieta, fit-13 ta’ Settembru 1972 u joqghod 41, Lajri Alley, Zabbar, bin-numru ta’ l-identita 403872M talli nhar is-6 ta’ Lulju 1999 f’Delimara, limiti ta’ Marsaxlokk ikkommettew serq ta’ iversi oggetti u flus liema valur totali u ammontabbli ghal aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira maltin (Lm1000), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-haga misruqa u

liema serq sar ghad-detriment ta' Brian Hull ta' nazzjonalita Brittanika.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew jixtruhom.

Talli lil Horace Zammit wahdu fl-istes data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli, cioe fuq vettura ghamla Hyundai Lantra ta' kulur blue, bin-numru tar-registrazzjoni ABF 828 liema hsara ma tammontax ghal aktar minn Lm500 izda aktar minn Lm50 ghad-detriment ta' Emanuel Felice.

Talli lil Horace Zammit wahdu sahhah il-volonta tal-persuna ta' Stanley Spiteri sabiex jaghmel id-delitt, jew weghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jw jikkumpensah skond l-artikolu 42(e) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli lil Horace Zammit wahdu sar ricediv a termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 b'sentenzi tal-Qorti diversament preseduti li huma datati:
04.07.91 Awla B
04.08.92 Awla L
21.05.93 Awla 12
10.10.93 Awla 12
10.10.94 Awla 7
26.04.95 Qorti tal-Appell
28.11.95 Awla 9
18.03.97 Qorti tal-Appell rispettivament.

Lil Stanley Spiteri wahdu talli fl-istess dara, lok, hin u cirkostanzi b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt cioe Horace Zammit fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat.

Talli lil Stanley Spiteri wahdu talli fl-istess data, wara nofs inhar gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid ddenunzja lill-

Pulizija Esekuttiva, reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar skond l-artikolu 110(2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli lil Stanley Spiteri wahdu sar ricediv a termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 rispettivament b’sentenzi tal-Qorti diversament preseduti li huma datati 22 ta’ Gunju 1998 Awla 3 rispettivament.

Talli lil Stanley Spiteri wahdu kiser il-provediment ta’ l-artikolu 5 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu mill-Qorti tal-Magsitrati Awla 14 b’sentenza datata 22 ta’ Marzu 1999.

Talli lil Horace Zammit wahdu, fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded b’gebel jew bi hwejjeg ohra ibsin jwe waddab jew qabad armi ohra kontra in-nies cioe Emanuel Felice.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat Stanley Spiteri (fol 14) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal ta-15 ta’ Novembru 2002 fejn l-imputat Horace Zammit ammetta l-akkuzi kif dedotti.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju.

Rat it-talba tal-imputat sabiex din il-Qorti tinnomina probation officer sabiex jhejji pre sentencing report.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti li innominat lil Carmen Nygaard biex thejji tali rapport u r-rapport minnha gie esebit u mahluf fil-11 ta’ Settembru 2002 (Dok CN)

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssibu hati tal-ewwel, t-tieni, t-tielet, r-raba, l-hames u l-ghaxar akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat Art 261 © u (g), 267, 271, 334, 325, 42, 49, 50, 289 u 339e tal-kap 9 u tikkundannah ghal 18 il-xahar prigunerija.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa il-pre sentencing report ikkurat tal-probation officer Carmen Nygaard li waslet ghall-konkluzzjoni illi fil-kaz tal-imputat “ghal gid ta’ Horace Zammit innifsu, tal-familja tieghu u fl-interess tas-socjeta, ikun ta’ beneficcju jekk l-imputat jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni min gewwa l-Facilita Korrettiva ta’ Kordin”

Illi din il-Qorti illi kellha diga l-opportunita ssegwi ir-rigress tal-imputat matul iz-zmien, tirrakkomanda bil-qawwa illi l-imputat jinghata l-opportunita biex jsegwi dan il-programm ta’ riabilitazzjoni kontra d-droga minn gewwa l-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP. REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------